Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-387 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**Il-Ħamis, 3 ta' Awwissu, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, u s-Sur Robert Buhagiar.

Is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton kienu skużati.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-386 laqgħa

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Grech staqsa jekk kienitx ittieħdet azzjoni dwar it-talba biex issir *stop sign* fi Triq Lia ma' Triq il-Kapuċċini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba kienet tressqet għall-approvazzjoni ta` *Transport Malta*.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar opportunita` illi jsir taħriġ liċ-ċittadini f'kull lokalita` dwar l-użu tas-servizzi *egov* permezz ta` korsijiet li ser jibdew f'Settembru li ġej. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

Inqrat Memo 60/2011 mibgħuta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema EGOV4U li permezz tagħha l-Kunsilli Lokali magħżula jkunu jistgħu jipprovdu għajnuna liċ-ċittadini dwar l-użu tas-servizzi *e-gov*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar proġett *Europe for Citizens* bl-isem HENCE li titratta l-uzu ta` enerġija alternattiva. Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna sabiex jinnominaw persuna li tista' tiġi magħzula biex tieħu sehem f'din il-konferenza li ser issir f'Lauco, l-Italja mis-7 sa l-10 ta' Settembru 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni sabiex parti minn Triq il-Kapuċċini ssir *two way*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba biex tizdied tabella oħra bil-kliem *Except for Garage Owners* mat-tabella ta' *no entry* li twaħħlet fi Triq il-Kapuċċini ma' Triq Pawlina Muscat Inglott ma ġietx milqugħa għar-raġuni li jista` jinħoloq periklu għas-sewwieqa.

Is-Sur Grech qal li r-residenti li għandhom il-garaxxijiet f'din il-parti ta' triq kienu se jressqu petizzjoni biex jipproponu li jsir xi tibdil. Is-Sur Grech issuġerixxa li sakemm il-Kunsill jirċievi din il-petizzjoni titħejja t-talba formali biex tkun tista' ssir *traffic island* kif hemm fil-pjanta li kien ħejja l-Perit tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Zabbar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ħadd, 4 ta' Settembru, 2011 kien ser jiġi organizzat Pellegrinaġġ bir-roti għat-tfal madwar it-toroq ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Gvern Ċentrali ddeċieda li r-responsabilita` tad-dwal tat-toroq tgħaddi f'idejn il-Kumitati Reġjonali.

Inqrat Memo 56/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar taħriġ li se jsir mill-*Malta Competition and Consumers Affairs Authority* għal persuni fil-Kunsill li huma responsabbli mill-*playing fields* fil-lokalitajiet.

Inqrat Memo 66/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta` finanzjament għal titjib fil-*playing fields.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni Santa Ġovanna Antida dwar il-proġett VINĊI li qed isir fil-komunita` ta' Ħaż-Żabbar b'risq familji vulnerabbli bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali wara laqgħa li saret bejn l-Awtoritajiet Ċivili u dawk Ekkleżtjastiċi f'Ħaż-Żabbar. L-għan ta' dan il-proġett hu li joffri sostenn lil kull min jixtieq għajnuna dwar diffikultajiet personali u familjari.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni li saret mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ Żabbar kienet intgħazlet u l-Kunsill ser jibbenifika mill-ammont ta' €8644. Il-Kunsill feraħ lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ għas-suċċess miksub. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-proġett approvat lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ għas-sena 2010 – 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar l-applikazzjoni u linji gwida għall-proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ 2011/12. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li japplika sabiex il-Kunsill Lokali Żgħażagħ ta' Ħaż-Żabbar jipparteċipa f'dan il-proġett.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2011 li kien jammonta għal €104.20. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-7 ta' Lulju, 2011 u t-3 ta' Awwissu, 2011 li kien jammonta għal €43,051.09. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

- Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu April - Ġunju 2011. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

- Permessi tal-Festa

Il-Kunsill tkellem dwar il-permessi għat-tqegħid ta' gabbani u posti fi żmien il-ġranet tal-festa u dwar l-avviz li ser jinħareġ biex l-applikazzjonijiet jibdew jintlaqu minn nhar il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2011. Is-Sindku ppropona li din is-sena wkoll il-gabbani u posti jerġgħu jitpoġġew fil-postijiet fejn kienu allokati s-sena l-oħra u li permessi ġodda, ħlief dawk li jbiegħu l-ikel, għandhom jingħataw permess biex jarmaw biss fi Triq is-Santwarju minn Triq Tumas Dingli `l isfel. Is-Sur Grech issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

- Mozzjoni biex titneħħa *road hump* minn Triq Bajada

Is-Sur Buttigieg ppropona li l-mozzjoni li saret minnhu sabiex titneħħa *road hump* li hemm fi Triq Bajada ma' tiġiex diskussa f'din il-laqgħa minħabba l-fatt li r-residenti li għamlu l-ilment ma baqgħux joqgħodu ħdejn din ir-*road hump*. Is-Sur Buhagiar

issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li l-mozzjoni tiġi rtirata.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill rapport dettaljat tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva mill-1 ta` Lulju 2009 sa l-1 ta' Lulju 2011 bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jevalwa l-ilmenti li rċieva matul din il-leġislatura u jkun jista' jħejji bl-aħjar mod pjan ta' xogħol għal ġimgħat u x-xhur li ġejjien.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn il-binjiet kien se joħroġ fil-jiem li ġejjien.

Dwar it-*tender* għall-installazjoni ta' *lift* fiċ-Ċentru Ċiviku, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-sejħa għall-offerti kienet inħarġet.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti ta' l-erbatax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissieħeb membru fil-GAL Xlokk u b'hekk ikun jista' jibbenefika minn fondi u għajnuna oħra taħt il-*Leader Programme*. Il-ħlas ta' sħubija hu ta` €9000. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jissieħeb fil-GAL Xlokk.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Il-Viċi Sindku talab li titwaħħal *bollard* ħdejn it-*traffic island* li hemm fi Triq il-Vittorja.

Is-Sur Pisani talab li l-Kunsill jikteb lill-Grupp Armar biex l-arblu tal-festa li hemm quddiem il-*Bank of Valletta* jiġi spustjat peress li kien qed jingombra l-bankina. Is-Sur Pisani talab ukoll li l-għaqdiet tal-festa jiġu mitluba li wara l-festa jagħlqu t-toqob tal-arbli biex jiġi evitat kull periklu.

Is-Sur Grech talab li tintbgħat ittra lir-residenti li joqgħodu fi Triq Bajada ftit `l isfel minn Triq il-Marloċċ biex huma jiġu nfurmati dwar it-talba li saret biex issir *road hump* f'din il-parti ta` triq.

Is-Sur Bonnici talab sabiex isiru *parking bays* fi Triq l-Inkurunazzjoni u fi Triq Qalb Imqaddsa.

Is-Sur Bonnici talab sabiex ix-xogħol ta' titjib madwar il-Mina ta' Hompesch jitkompla u jitlesta kemm jista' jkun malajr.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li titnaddaf il-funtana li hemm f'Misraħ is-Sliem.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx ressaq l-ilmenti tar-residenti dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku u s-servizz li qed jingħata mill-kumpanija *Arriva*. Is-Sindku wieġeb

fil-pozittiv. Is-Sur Buttigieg talab li dawn l-ilmenti jitressqu wkoll għal attenzjoni ta` *Transport Malta.*

Is-Sur Bonnici u s-Sur Pisani infurmaw lill-Kunsill li kellhom il-ħsieb jorganizzaw attivita` soċjali fi Ġnien iż-Żebbuġ.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar meta kien ser jibda x-xogħol ta' *resurfacing* tat-toroq taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kumpanija *Vella Group* kienet qed tistenna l-ħruġ tal-permessi minn *Transport Malta* biex tibda x-xogħlijiet.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jinżabru s-siġar li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru, 1798 u li jitressqu t-tabelli li hemm f'din it-triq li jindikaw il-konfini ta` Ħaż-Żabbar u ż-Żejtun.

Is-Sur Buttigieg talab ukoll li jinqata' l-ħaxix li hemm madwar il-mitħna li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru, 1798.

Is-Sur Buttigieg talab li jitħawwlu l-fjuri fis-*soft areas* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u l-viċinanzi.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex jinbidlu l-bozoz maqtugħa li hemm fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Pisani ppropona li tinkiteb ittra fil-ġurnali lokali dwar il-vandalizmu li qed isir fil-ġonna pubbliċi f'Ħaż-Żabbar u biex tintalab aktar sorveljanza mill-Pulizija. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra.

Fit-915 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill ikollu *website* ġdida fejn fiha ikun hemm informazzjoni aktar wiesa` u mingħajr ċerti restrizzjonijiet.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-388 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 29 ta' Awwissu, 2011.

Domenic Agius
Sindku